

Brussell, 13 ta' Settembru 2019  
(OR. en)

12043/19

---

**Fajls Interistituzzjonali:**  
2018/0224(COD)  
2018/0225(COD)

---

RECH 426  
COMPET 616  
IND 229  
MI 639  
EDUC 370  
TELECOM 295  
ENER 426  
REGIO 189  
AGRI 431  
TRANS 428  
SAN 390  
CADREFIN 316  
CODEC 1369  
SUSTDEV 117

**NOTA**

---

minn: Presidenza  
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

---

Suġġett: *Thejjiġa tal-Kunsill Kompetittività tas-26 u s-27 ta' Settembru 2019*  
Pakkett Orizzont Ewropa: Sinerġiji ma' programmi oħra  
*- Dibattitu ta' orjentazzjoni*

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż nota tal-Presidenza dwar is-suġġett "Il-Pakkett Orizzont Ewropa: Sinerġiji ma' programmi oħra" bil-ħsieb tad-dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill Kompetittività fis-27 ta' Settembru 2019.

**"ORIZZONT EWROPA U SINERĠJI MA' PROGRAMMI OĦRA"**

Kif maqbul fil-Fehim Komuni bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew, wieħed mill-prinċipji tal-programm huwa li "Orizzont Ewropa għandu jiġi implimentat f'sinerġija ma' programmi ta' finanzjament oħra tal-Unjoni filwaqt li tinkiseb simplifikazzjoni amministrattiva massima". Il-Presidenza hija tal-fehma li l-Kunsill għandu jagħti gwida dwar din il-kwistjoni għall-proċess ta' Ppjanar Strateġiku li għaddej u għall-avvanz tan-negozjati dwar Orizzont Ewropa.

Sabiex jimmassimizzaw l-effiċjenza u l-impatt fuq is-soċjetà u l-ekonomija inġenerali u biex jikkontribwixxu aħjar għall-ħolqien tat-tkabbir u l-impjiegi, il-programmi differenti tal-UE iridu jkunu koerenti u jaħdmu f'sinerġija. Is-sinerġiji huma bbażati fuq il-komplementarjetà bejn id-disinn u l-oġettivi tal-programm kif ukoll fuq il-kompatibbiltà tar-regoli u l-proċessi ta' finanzjament fil-livell ta' implimentazzjoni. Sett uniku ta' regoli, flessibbiltà bejn il-programmi, u appoġġ koerenti ser ikunu fatturi importanti biex is-sinerġiji jirnexxu. Iż-żieda fis-sinerġiji u l-konnessjoni aħjar bejn id-diversi strumenti ta' finanzjament tal-UE m'għandhomx iwasslu għal aktar kumplessità għall-benefiċjarji u għall-applikanti.

Il-proċess ta' Ppjanar Strateġiku ta' Orizzont Ewropa huwa element ewlieni u punt ta' referenza biex jiġi żgurat li jinkiseb benefiċċju massimu minn dawn is-sinerġiji. It-transizzjoni għal ekonomija u industrija newtrali għall-klima, kif ukoll it-trasformazzjoni diġitali, jeħtieġu kooperazzjoni u allinjamenti reċiproċi mingħajr xkiel fl-oqsma ta' politika u l-programmi ta' finanzjament kollha. Il-proċess ta' kokreazzjoni għall-Pjan Strateġiku ser jippermetti definizzjoni aħjar ta' dak li huwa meħtieġ biex isiru l-bidliet soċjetali u sistemiċi li jippermettu tkabbir inklużiv u sostenibbli u b'hekk titmexxa l-aġenda tar-riċerka u l-innovazzjoni b'mod orjentat lejn il-missjoni. Minbarra r-riżorsi finanzjarji, taħlita usa' ta' politika ta' riċerka u innovazzjoni ser tagħti riżultati u impatt aktar malajr.

L-Anness IV tal-leġislazzjoni proposta għal Orizzont Ewropa, flimkien ma' dispożizzjonijiet ekwivalenti f'leġislazzjoni oħra, huwa l-punt tat-tluq għall-iżvilupp ta' dawn is-sinerġiji. Dan l-anness jirrifletti r-rieda politika li s-sinerġiji bejn il-programmi ta' finanzjament tal-UE jaħdmu b'mod aktar effettiv. Matul il-Presidenza preċedenti u dik attwali, is-sinerġiji bejn Orizzont Ewropa u programmi oħra ġew diskussi kemm informalment kif ukoll formalment. Aktar reċentement, saru sessjonijiet ta' ħidma informali mill-Presidenza Finlandiża.

Dawn id-diskussjonijiet urew b'mod ċar li fil-qasam diġitali u tal-edukazzjoni, ix-xenarju tal-programm huwa komplementari u jippermetti l-iżvilupp tal-ħiliet u l-kapaċitajiet meħtieġa għal użu usa' ta' innovazzjonijiet li jtejbu l-impatt tal-programm Orizzont Ewropa. Fil-qasam tal-finanzjament tal-SMEs, l-enfasi ewlenija fil-livell tal-UE jeħtieġ li tkun fuq il-finanzjament tal-SMEs li huma l-aktar ta' tfixkil u li joffru l-aħjar potenzjal għal espansjoni, filwaqt li jiżguraw tixrid usa' tal-innovazzjoni. Mid-diskussjonijiet ħarġet ukoll id-domanda għat-tfassil ta' xenarju ta' finanzjament sempliċi, mingħajr xkiel u orjentat lejn il-klijent għall-SMEs innovattivi fl-Ewropa. Il-mudell imsaħħaħ tas-Siġill ta' Eċċellenza f'Orizzont Ewropa u r-Regolament propost għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa dwar l-Għajnuna mill-Istat jistgħu jikkomplementaw u jiffaċilitaw b'mod sinifikanti l-opportunitajiet ta' finanzjament għal SMEs innovattivi b'mod partikolari. Huwa essenzjali wkoll li jittejbu l-opportunitajiet ta' kofinanzjament li jippermettu li r-riżorsi nazzjonali u reġionali tar-Riċerka u l-Innovazzjoni jiksbu effett ta' ingranaġġ sinifikanti u jibbenefikaw minn kollaborazzjoni fil-livell Ewropew, li jifih u jibien għal għarfien u swieq globali usa'.

Biex jinkisbu l-aħjar sinerġiji possibbli, m'għandhiex tkun sottovalutata l-importanza ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni, koordinazzjoni, disseminazzjoni u sfruttament aktar intensivi.

F'dan l-istadju tal-eżami, iqumu l-kwistjonijiet ewlenin li ġejjin:

- Kif jistgħu Programmi oħra tal-UE inkluż il-Fondi Strutturali kif ukoll il-fondi nazzjonali, fondi privati u sorsi oħra bħall-BEI jiġu attivati bl-aħjar mod biex jikkomplementaw l-appoġġ għal riċerka strateġika u inizjattivi ta' innovazzjoni f'sinerġija ma' Orizzont Ewropa? Liema mekkaniżmi fil-livell tal-UE huma meħtieġa biex jiġu żgurati sinerġiji bejn il-programmi differenti tal-UE?
- Min-naħa tagħhom, l-Istati Membri kif biħsiebhom jikkunsidraw is-sinerġiji ma' Orizzont Ewropa fil-Fondi Strutturali u l-programmi nazzjonali tagħhom, eż. permezz tal-proġetti ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti u l-proġetti tas-Siġill ta' Eċċellenza?